

Linji Gwida dwar it-trattament tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq u tal-kontroparti fil-formula standard

Introduzzjoni

- 1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (minn hawn 'il quddiem "Regolament EIOPA")¹, l-EIOPA qed toħroġ Linji Gwida dwar it-trattament tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq u tal-kontraparti fil-formula standard
- 1.2. Dawn il-Linji Gwida huma relatati mal-Artikolu 104 u 105 tad-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozzju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ("Solvibbiltà II")² u mal-Artikolu 164 sal-Artikolu 202 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni³.
- 1.3. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji taħt Solvibbiltà II.
- 1.4. Dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-konverġenza tal-prattiki tul l-Istati Membri u li jappoġġjaw lill-impriżi fl-applikazzjoni tal-moduli tar-riskju ta' inadempjenza tas-suq u tal-kontraparti tal-formula standard.
- 1.5. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, ġiet żviluppata d-definizzjoni li ġejja:
 - "pożizzjoni qasira ta' ekwità" tfisser pożizzjoni qasira relatata mal-ekwità li tirriżulta minn bejgħ ta' pożizzjoni qasira skont it-tifsira tal-paragrafu 1(b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 236/2012.
- 1.6. Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini għandhom it-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.
- 1.7. Dawn il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2015.

Linja Gwida 1 – Benefiċċji tal-impjegati

- 1.8. Meta l-obbligazzjonijiet għall-benefiċċji tal-impjegati huma rikonossuti skont il-Kapitolu II tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom jikkunsidrawhom fil-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali tal-moduli tar-riskju ta' inadempjenza tas-suq u tal-kontraparti. Għal dan il-għan, l-impriżi għandhom iqisu n-natura tal-benefiċċji u fejn rilevanti, in-natura tal-arranġamenti kuntrattwali kollha ma' istituzzjoni għall-provvediment ta' rtirar okkupazzjonali kif definit fid-Direttiva 2003/41/KE jew impriża oħra tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għall-provvediment ta' dawn il-benefiċċji.
- 1.9. Jekk il-ġestjoni tal-assi li jirrappreżentaw l-obbligazzjonijiet għall-benefiċċji tal-impjegat tkun ġiet esternalizzata, l-impriżi li jaġixxu bħala sponsor għandhom jikkunsidrawhom fil-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għall-moduli tar-riskju ta'

¹ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48–83

² ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1–155

³ ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1–797

inadempjenza tas-suq u tal-kontroparti pprovdoti, huma responsabbli għal kwalunkwe telf fil-valur ta' dawn l-assi.

Linja Gwida 2 - Influenza tal-opzjonijiet eżerċitabbli dwar id-durata

1.10. Meta jiddeterminaw id-durata tal-bonds u s-self b'opzjonijiet eżerċitabbli, l-impriżi għandhom iqisu li dawn ma jistgħux jiġu eżerċitati mill-mutwatarju f'każ li l-affidabbiltà kreditizja tiegħu tiddeterjora, il-firxiet tal-kreditu jitwessgħu jew ir-rati tal-imgħax jiżdiedu.

Linja Gwida 3 – Id-durata medja għal submodulu tal-ekwità bbażat fuq id-durata

1.11. L-impriżi għandhom jinterpretaw id-durata medja msemmija fl-Artikolu 304(1)(b)(iii) tas-Solvibbiltà II bħala d-durata tal-flussi tal-flus kontanti aggregati tal-obbligazzjonijiet.

Linja Gwida 4 – Submodulu ta' riskju fuq ir-rata tal-imgħax

1.12. L-impriżi għandhom jinkludu l-assi u l-obbligazzjonijiet sensittivi għar-rati tal-imgħax kollha fil-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għas-submodulu ta' riskju fuq ir-rata tal-imgħax.

1.13. Il-provvediment tekniku għandu jerġa' jiġi kkalkulat fix-xenarji li jużaw l-istruttura ta' terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju wara x-xokk, li hija ddeterminata billi ssir enfasi fuq l-istruttura ta' terminu tar-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju u jiżdied lura aġġustament għall-korrispondenza, aġġustament tal-volatilità jew miżura ta' tranżizzjoni fuq ir-rata mingħajr riskju skont l-Artikolu 308(c) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, jekk applikabbli.

1.14. Il-valur tal-assi għandu jiġi kkalkulat mill-ġdid skont ix-xenarji billi ssir enfasi biss fuq l-istruttura ta' terminu tar-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju u kwalunkwe firxa fuq l-istruttura ta' terminu tar-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju għandha tibqa' mhux mibdula. Dan jista' jinvolvi l-użu ta' marka għall-mudell tal-valutazzjoni għad-determinazzjoni tal-valur tal-assi taħt l-istress.

1.15. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li l-valuri tal-assi qabel l-istress miksubin permezz tal-użu ta' valwazzjoni skont mudell ikun konsistenti mal-prezzijiet ikkwotati tas-suq ta' assi rilevanti fi swieq attivi.

Linja Gwida 5 - Investimenti b'karatteristiċi ta' strumenti ta' dejn u ta' ekwità

1.16. Meta l-assi juru karatteristiċi ta' strument ta' dejn u ta' ekwità, l-impriżi għandhom jikkunsidraw dawn iż-żewġ karatteristiċi meta jiddeterminaw liema submoduli tar-riskju ta' formula standard għandhom japplikaw.

1.17. Meta jiddeterminaw liema submoduli tar-riskju ta' formula standard japplikaw l-impriżi għandhom jikkunsidraw is-sustanza ekonomika tal-assi.

- 1.18. Meta l-ass jista' jiġi kkunsidrat bħala l-kompost ta' komponenti diskreti, l-impriża għandhom, fejn xieraq, japplikaw l-istress rilevanti għal kull wieħed minn dawn il-komponenti separatament.
- 1.19. Meta ma jkunx possibbli li l-ass jiġi kkunsidrat bħala l-kompost ta' komponenti separati, l-impriża għandhom jibbażaw id-determinazzjoni ta' liema mis-submoduli tar-riskju ta' formula standard japplikaw dwar jekk il-karatteristiċi ta' dejn jew ekwità jippredominawx f'sens ekonomiku.

Linja Gwida 6 - Pożizzjonijiet qosra ta' ekwità

- 1.20. Meta l-impriża jżommu pożizzjonijiet qosra ta' ekwità, dawn għandhom jintużaw biss biex jikkompensaw il-pożizzjonijiet twal ta' ekwità fil-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' ekwità jekk ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 208 sa 215 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni jkunu ntaħqu.
- 1.21. L-impriża għandhom jinjoraw kull pożizzjoni oħra qasira ta' ekwità (pożizzjonijiet qosra ta' ekwità residwi) fil-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' ekwità.
- 1.22. Il-pożizzjonijiet qosra ta' ekwità residwi ma għandhomx jitqiesu li jżidu fil-valur mill-applikazzjoni tal-istress għall-ekwitajiet.

Linja Gwida 7 – Submodulu ta' konċentrazzjoni ta' riskji tas-suq

- 1.23. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(3), it-tieni parti tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriża m'għandhomx jassenjaw fattur tar-riskju ta' 0 % għall-investimenti f'entitajiet li huma proprjetà ta' entitajiet inklużi fil-lista stabbilita fl-Artikolu 187(3) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

Linja Gwida 8 – Tranżazzjonijiet ta' għoti b'self ta' titoli u ftehimiet simili

- 1.24. Meta jiġu ddeterminati r-rekwiżiti kapitali għal tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli u ftehimiet ta' riakkwist jew riakkwist invers inklużi swaps ta' likwidità, l-impriża għandhom isegwu r-rikonoxximent tal-entrati skambjati fil-karta tal-bilanċ tas-Solvibbiltà II. Huma għandhom ukoll jikkunsidraw it-termini u r-riskji kuntrattwali li joriġinaw mit-tranżazzjoni jew il-ftehim.
- 1.25. Jekk l-assi misluf jibqa' fuq il-karta tal-bilanċ u l-ass riċevut ma jiġix rikonoxxut, l-impriża għandhom:
- (a) japplikaw is-submoduli ta' riskji tas-suq rilevanti lill-assi misluf;
 - (b) jinkludu l-ass misluf fil-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1, b'kunsiderazzjoni tal-mitigazzjoni tar-riskju li l-ass riċevut jipprovdi jekk huwiex rikonoxxut bħala kollateral skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 214 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.26. Jekk l-ass riċevut huwa rikonoxxut u l-ass misluf ma jibqax fuq il-karta tal-bilanċ, l-impriża għandhom:
- (a) japplikaw is-submoduli ta' riskji tas-suq rilevanti lill-ass riċevut;

- (b) jikkunsidraw l-ass imisluf fil-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1 ibbażati fuq il-valur tal-karta tal-bilanċ tal-ass misluf fil-ħin tal-iskambju, jekk it-termini kuntrattwali u d-dispożizzjonijiet legali f'każ li insolvenza tal-mutwatarju twassal għal riskju li l-assi misluf ma jiġix ritornat għalkemm l-ass riċevut ikun ingħata lura.

1.27. Jekk l-ass misluf u l-ass riċevut jiġu rikonoxxuti fil-karta tal-bilanċ tas-Solvibilità II, l-impriża għandhom:

- (a) japplikaw is-submoduli ta' riskji tas-suq rilevanti għall-ass mogħti b'self u l-ass meħud b'self;
- (b) jinkludu l-ass mogħti b'self fil-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti fuq skoperturi tat-tip 1, b'kunsiderazzjoni tal-mitigazzjoni tar-riskju li l-ass riċevut jipprovdi jekk jiġi rikonoxxut bħala kollateral skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 214 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
- (c) Jikkunsidraw l-obbligazzjonijiet fuq il-karta tal-bilanċ tiegħu li jirriżultaw mill-arranġament ta' għoti b'self fil-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għas-submodulu ta' riskju fuq ir-rata tal-imgħax.

Linja Gwida 9 – Impenji li jistgħu joħolqu obbligi ta' ħlas

1.28. Kif previst fl-Artikolu 189(2)(e) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni ir-rekwiżit kapitali għall-iskoperturi tat-tip 1 fil-modulu ta' riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti għandu jiġi applikat għall-impenji legalment vinkolanti li impriża tkun ipprovdiet jew irranġat.

1.29. Meta ma jissemma' ebda valur nominali b'mod espliċitu fl-arranġament tal-impenn, l-impriża għandhom jiddeterminaw it-telf korrispondenti fil-każ ta' inadempjenza, kif imsemmi fl-Artikolu 192(5) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni fuq il-bażi ta' ammont nominali stmat.

1.30. Il-valur nominali stmat huwa l-ammont massimu li huwa mistenni li jitħallas fil-każ ta' avveniment ta' kreditu tal-kontroparti.

Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar

1.31. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

1.32. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.

1.33. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji

Gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.

1.34. Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u jiġu rrappurtati bħala tali.

Dispożizzjoni Finali dwar ir-Rieżamijiet

1.35. Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu soġġetti għal rieżami mill-EIOPA.